MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 1019/2011

**Coleiro General Supplies Limited**

**vs**

**Anthony Desira**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mis-socjeta attrici fis-7 ta’ Dicembru, 2011 u li permezz taghha talab lit-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenut jhallsha s-somma ta’ elf u hames mitt euro (€1500)[1] wara li ppremettiet hekk:

“L-ammont ta’ elf u hames mitt euro (€1,500) dovut lis-socjeta attrici, jirrapprezenta parti mill-prezz ta’ xiri ta’ merkanzija ikkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, liema somma baqghet ma thallsitx mill-konvenut minkejja diversi interpellazzjonijiet lilu maghmula.

[1] B’nota datata 29 ta’ Mejju, 2012 is-socjeta attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ elf u tlett mitt euro (€1,300)

Bl-ispejjez, inkluza ta’ l-ittra ufficjali datata 10 ta’ Gunju, 2008 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment, u interessi legali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni”

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat fit-23 ta’ Dicembru, 2011 izda minkejja dan huwa baqa ma pprezenta l-ebda risposta.

Ra l-verbal tat-2 ta’ Frar, 2012 fejn Dott. Rachel Montebello ghas-socjeta attrici nfurmat lit-Tribunal li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet u talbet li l-kawza tigi differita in vista ta’ dan. It-Tribunal laqa’ t-talba u ddiferixxa l-kawza ghat-28 ta’ Frar, 2012.

Ra l-verbal tat-28 ta’ Frar, 2012 fejn it-Tribunal gie nfurmat minn Dott. Rachel Montebello li l-pagament kellu jsir sal-14 ta’ Mejju, 2012 u ghaldaqstant talbet li l-kawza tigi differita fit-tul. It-Tribunal laqa’ t-talba u ddiferixxa l-kawza ghad-29 ta’ Mejju, 2012 b’dan li dak-in-nhar jew tigi ceduta l-kawza jew jinstemghu l-provi kollha tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum fejn it-Tribunal wara li semgha lil Louis Coleiro, rapprezentant tas-socjeta attrici, u wara li ra li l-konvenut baqa ma deherx, u wara li ra n-nota ta’ riduzzjoni tat-talba, ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni mressqa mis-socjeta attrici u li permezz taghha rriduciet il-pretensjoni taghha bi tlett mitt euro (€300) biex b’hekk skond l-istess nota, s-socjeta attrici kienet qeghda tippretendi li l-konvenut kien fadallu jhallasha s-somma ta’ elf u mitejn euro.

Ra l-atti u x-xhieda moghtija;

Ikkunsidra;

1. **Louis Colerio** xehed illi l-konvenut Anthony Desira kien xtara xi oggetti fosthom zebgha u materjal iehor li tbiegh l-istess socjeta minnu rapprezentata. Huwa qal

ukoll li mill-ammont originarjament dovut mill-konvenut ta' elf u hames mitt euro (€1,500) thallsu biss mitejn euro (€200) u ghalhekk, il-konvenut kien ghad fadallu jaghtiha s-somma ta' elf u tlett mitt euro (€1,300).

Ikkunsidra ulterjorment;

2. Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta attrici qeghda titlob lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jhallasha s-somma ta' elf u tlett mitt euro (€1,300) u dan ghal prodotti li l-istess konvenut kien xtara u akkwista minghandha tul medda ta' zmien.

3. Il-konvenut baqa qatt ma deher ghas-seduti quddiem it-Tribunal u minkejja l-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012 l-istess konvenut baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-genwinita tax-xhieda mressqa mis-socjeta attrici u konsegwentement, anke in vista tan-nuqqas ta' xi nitfa prova da parti tal-konvenut, it-talba tas-socjeta attrici giet ppruvata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u tlett mitt euro (€1,300) bl-imghaxijiet mid-data ta' meta l-ammonti kienu dovuti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------